**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 684/99**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Abraham Zammit)**

**vs**

**Tahar Trabelsi ta' 37 sena, iben Ramdhan**
**u Salma nee Suboi, mwieled Tunezija fl-20 ta' Frar,**
**1962, u joqghod f'numru 3B, San Remo Flats, Triq**
**Sir Temi Zammit, Hal-Tarxien, detentur tal-karta**
**ta' l-identita' bin-numru 11163 (A).**

**Illum 20 ta' Settembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Tahar Trabelsi li gie akkuzat talli

(a) f'Hal Tarxien fit-13 ta' Settembru, 1999 ghal xi 11.30 p.m. u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Marisa Trabelsi,

(b) kif ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil

Marisa Trabelsi kontra l-volonta' taghha, liema delitt huwa aggravat li l-persuna sekwestrata giet offizia fuq il-persuna taghha u bil-mezz,

(c) barra minn hemm b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew b'rizoluzzjoni wahda matul ix-xahar ta' Settembru, 1999 fl-istess lok u cirkostanzi,

(i) bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jw issekwestra lil Marisa Trabelsi, Jane Borg u Sarah Trabelsi kontra l-volonta' taghhom, liema delitt huwa aggravat b'theddid bil-mewt.

(ii) ingurja jew hedded bil-kliem lil Marisa Trabelsi, Jane Borg u Sarah Trabelsi.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika wkoll l-Art 383 tal-Kap 9 tal-Ligiiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali (a fol 32) fejn intbaghtu l-artikoli li tahthom tista' tinstab htija u cioe l-artikoli 18, 86, 87, 249, 252 tal-Kap 9.

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru, 1999 fejn l-akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommajri.

Ikkonsidrat

Illi l-akkuzi originali migjuba kontra l-imputat kienet tinkorpora anke r-reat ta' stupru fuq il-mara tieghu Marisa Trabelsi. Fil-mori ta' din il-

kawza, anzi fil-bidu ta' dawn il-proceduri l-istess Marisa Trabelsi kienet irtirat il-kwerela taghha dwar l-istupru (a fol 29) u aktar tard dehret quddiem din il-Qorti u kkonfermat li riedet tirtira dak kollu, in kwantu akkuzi, li hu ritirabbli (a fol 53).

Jidher minn dak prodott bhala provi illi l-hajja konjugali bejn il-konjugi Trabelsi kienet waslet f'kaz kritiku u kienet anke wahda tumultuza karatterizzata bi glied, anke bi vjolenza fizika reciprokata.  Din is-sitwazzjoni wasslet ghal kulminu taghha meta l-akkuzat gie kkonfrontat bl-allegat adulterju ta' martu.  Fatt dan li wasslu biex jigi Malta ghal gharrieda u sar konfront xejn pacifiku ma' martu Marisa Trabelsi.  Kien f'mument ta' dan il-konfront li skond ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni l-akkuzat sar hati tar-reati lilu addebitati.

L-artikoli 86 u 87 tal-kap 9 jitkellem dwar sekwestru ta' persuna bl-aggravanti ta' l-istess.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel riferenza ghall-istqarrija ta' l-akkuzat (a fol 23) fejn hu ammetta ghal fatt li hu vera kien verament gab cilindru (tal-gass) u kien lest li anke jisplodi bih b'kollox.  Fix-xhieda tieghu (a fol 62) Trabelsi ammetta li meta hu kkonfronta lil martu bl-adulterju hu lilha sakkarha gewwa (ammess dan fuq domanda tal-Qorti).  Pero' fl-istess nifs hu qal ukoll li martu setghet tohrog mid-dar.

Min-naha l-ohra rat ukoll ix-xhieda ta' Marisa Trabelsi u ommha Jane Borg li t-tnejn qablu dwar il-fatt tac-cilindru.  Mart l-akkuzat tghid li zewgha "Mar igib ic-cilindru tal-gass minn gol-kcina u qalghu u kien ser jixghel il-lighter u qafilna hemmhekk, kien ser jisplodina.  (fol 41).  Jane Borg anke tixhed dwar il-fatt kellha tqabbez lil binthom (bint il-konjugi

Trabelsi) minn got-tieqa biex tghajjat lil siehbu ghall-ghajnuna. Qalet li l-akkuzat kien se jqabbad il-lighter u ghalhekk bintha bdiet ittih bl-ashtray. Qalet ukoll li Trabelsi kien jhedded lil bintha li jrid joqtolha.

Viva voce min-naha tieghu l-akkuzat dwar ic-cilindru qal li hu ma ghamel xejn, gabu veru, sabbtu ma' l-art u li kien vojt.

Issa mill-attitudni li ha l-akkuzat versu l-allegat adulterju ta' martu (dak iz-zmien, ghax illum ex admissis hija tqila minn ragel iehor), din il-Qorti hija ferm aktar propensa li temmen il-verzjoni ta' martu u ta' l-istess akkuzat meta a tempo vergine gie mitkellem mill-Pulizija. Hawn il-Qorti qed titkellem fil-konfront ta' sekwestru, u theddid min-naha ta' l-imputat. Tant kienet kbira r-rabja ta' l-akkuzat lejn martu, li hu anke ghamel ghal certu Sirjan ghax haseb li kien il-boyfriend ta' martu.

Ghalhekk il-Qorti ssib lill-akkuzat hati taht l-artikolu 86, bl-aggravant ikkontemplat taht l-artikolu 87 ( c ) tal-Kap 9.

Dwar ir-reat ikkontemplat taht l-artikolu 249 u 252 tal-Kap 9, tqis din il-Qorti li in kwantu t-theddid kien bil-fomm, ma giex pruvat ai termini tas-subinciz (2) li min-naha ta' l-akkuzat kien hemm xi ordni jew kundizzjoni u ghalhekk tilliberah minn din l-akkuza. Ir-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 252 jitkellem fuq "hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xihadd, iweggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba jew b'xi mod iehor …."

Fir-rigward ta' dan ir-reat il-Qorti tista' timmagina biss x'diskors inghad bejn il-konjugi Trabelsi meta kien qed jigi allegat l-adulterju min-naha u ammess (skond l-akkuzat) min-naha l-ohra. Pero' ta' dan il-Qorti tista' biss tipotizza, ghax ma jezistux provi bizzejjed ta' dan in-nuqqas ta' gieh

bi kliem, gesti, etc.   Ghaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-akkuzat anke minn din l-akkuza.

Dwar il-piena rat l-art 86 u 87 tal-kap 9, rat ukoll il-fedina penali ta' l-imputat, rat ukoll ir-rapport redatt minn Marietta Lanzon fuq ordni ta' din il-Qorti. Ikkonsidrat anke l-imgieba ta' l-akkuzat matul il-mori ta' din il-kawza u li llum rega' spicca b'arrest minhabba li harab, qieset ukoll iz-zmien li Tahar Trabelsi ghamel f'arrest preventiv. Rat l-art 28A tal-Kap 9, tikkundannah tnax-il xahar habs sospizi ghal sentejn.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.